3.1. Il-ħatra ta' *Senior House Officer* tkun fuq bażi ta' kuntratt definit ta' erba' snin, bi prova għal sena, u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa u persuna tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem skond *roster* stabbilit li jista' jinkludi *night duty*. Dan ir-*roster* jieħu ħsieb it-taħriġ skond il-ħtieġa minn żmien għal żmien kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) siegħa fil-ġimgħa u x-xogħol fil-Ħdud u Btajjel Pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3.3. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata li waqt il-perjodu tal-kuntratt tikseb xi kwalifika approvata ta' wara l-gradwazzjoni fl-ispeċjalità tiġi kkunsidrata għan-nomina ta' *Senior House Officer* fuq bażi permanenti bil-kundizzjoni li tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti, u taqla' salarju ta' Lm6,611 x 228 - Lm7,979 fis-sena (Skala ta' Salarju Nru 7).

5. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

6. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem fid-Dipartiment tal-Psikjatrija fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

7.1. Il-post ta' *Senior House Officer* jifforma parti integrali

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Senior House Officer in the Department of Psychiatry in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from duly qualified Medical Practitioners for the posts of Senior House Officer in the Department of Psychiatry in the Health Division.

2. The post of Senior House Officer in the Department of Psychiatry carries a salary of Lm6,211 per annum rising by annual increments of Lm209 up to a maximum of Lm7,465 (Salary Scale No. 8).

3.1. The appointment of a Senior House Officer shall be on the basis of a four year contract, subject to a probationary period of one year, and subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee will be required to work in accordance with an established roster which may include night duty. This roster will take into consideration training requirements as may be applicable from time to time as well as the exigencies of the service. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3.3. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee who obtains an approved postgraduate qualification in the speciality during the contract period will, subject to satisfactory performance, be considered for appointment as Senior House Officer on a permanent basis on a salary of Lm6,611 x Lm228 - Lm7,979 per annum (salary scale No 7).

5. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:

(a) it is carried out strictly outside hisċher official hours of work; and

(b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

6. The appointee will be required to work in the Department of Psychiatry in the Health Division.

7.1. The post of Senior House Officer forms an integral

tal-programm ta' taħriġ psikjatriku fid-Dipartiment tal-Psikjatrija u huwa adatt għal dawk il-kandidati li jixtiequ jaqbdu karriera fil-Psikjatrija. Il-persuna nominata hi mistennija li tkompli tagħmel ix-xogħol ta' *House Officer* iżda f'livell ogħla ta' responsabbiltà. Il-persuna nominata trid tkun kapaċi tagħmel eżami fiżiku u psikjatriku lill-pazjenti, tittratahom u tibqa' ssegwihom skond il-livell ta' l-esperjenza tagħha. Hi tkun imqabbda li tissorvelja l-i*staff* mediku ta' livell inqas minnha u li taħdem id f'id ma' membri oħra ta' *multidisciplinary team*. Hi tkun meħtieġa li tieħu sehem fi programmi ta' taħriġ *in-service* organizzati mid-Dipartiment tal-Psikjatrija.

7.2. Il-persuna nominata tkun il-ħin kollu taħt is-superviżjoni tas-superjuri tagħha u tkun responsabbli direttament lejn il-Konsulent inkarigat.

7.3. Il-persuna nominata tkun meħtieġa li taħdem, kull tant żmien meta jmissha, fl-ispeċjalitajiet varji tal-psikjatrija li jkunu determinati mid-Direttur tal-Psikjatrija u li jieħdu ħsieb il-ħtiġiet tat-taħriġ bażiku psikjatriku tas-*Senior House Officer* kif ukoll l-esiġenzi tas-servizz. Hi tkun meħtieġa li tieħu parti fl-attivitajiet akkademiċi tad-Dipartiment tal-Psikjatrija. It-taħriġ kontinwu tagħha jiddependi minn rapporti sodisfaċenti fuqha mingħand kumitat kompost mid-Direttur tal-Psikjatrija u żewġ Konsulenti. Waqt dan il-kuntratt il-persuna nominata trid tkun f'qagħda li tista' toqgħod għall-eżami tal-M.R.C.Psych jew għal kwalifika ekwivalenti approvata. Aktar taħriġ f'dan il-livell jkun jiddependi iżda mill-esiġenzi tas-Servizz.

7.4. Il-persuna magħżula tkun trid tuża s-sistemi ta' Teknoloġija Informatika li jkun hemm fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

8. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' L-UE);

JEW

(iv) il-konjugi ta', u tfal taħt il-21 sena ta' jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq u li huma residenti f'Malta.

part of the basic psychiatric programme of the Department of Psychiatry and is suitable for candidates wishing to pursue a career in Psychiatry. The appointee is expected to continue with the duties of a House Officer but at a higher level of responsibility. The appointee should be able to carry out physical and psychiatric examination, treatment and monitoring of patients according to level of experience. He/She will be delegated to supervise junior medical staff and to liaise with other multidisciplinary team members. He/She will be required to participate in in-service training programmes organised by the Department of Psychiatry.

7.2. The appointee will work at all times under the supervision of his/her seniors and will be directly answerable to the Consultant in charge of the patients.

7.3. The appointee will be required to rotate within the various psychiatric specialities in a structured training programme to be determined by the Director of Psychiatry and which will take into account both the Senior House Officer's basic psychiatry training requirements as well as the exigencies of the service. He/She will be required to participate in the academic activities of the Department of Psychiatry. His/Her continued training will depend on the satisfactory reports from a Committee composed of the Director of the Department of Psychiatry and two other Consultants. During his/her contract, the appointee should be in a position to sit for M.R.C.Psych. Examination, or an approved equivalent qualification. Further training will however depend on the exigencies of the Service.

7.4. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Health Division.

8. Applicants must:-

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse of, and children under 21 years of age of or who depend on, any person who is mentioned at (i), (ii) and (iii) above and who resides in Malta.

L-eliġibbilità tal-kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-kundizzjoni li jiksbu *work permit;*

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom liċenza biex jipprattikaw il-professjoni medika f'Malta;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorita' kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

8.1. Tingħata konsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li jkollhom evidenza ta' *Continued Medical Education* u ta' Riċerka.

9. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn kandidati li ma jkollhomx il-Liċenza msemmija f'paragrafu 8 (ċ) hawn fuq bil-kundizzjoni li jippreżentaw evidenza li se jikkwalifikaw għall-imsemmija Liċenza sal-15 ta' Ottubru 2005. Jekk jintgħażlu dawn il-kandidati jridu jakkwistaw l-imsemmija Liċenza qabel ma jingħataw il-ħatra.

10.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilità għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

10.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet ragunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

11. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

The eligibility of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above is subject to their obtaining a work permit.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

8.1 Due consideration will be given to applicants who possess evidence of continued Medical Education and Research.

9. Applications will also be considered from candidates who are not in possession of the Licence mentioned in paragraph 8(c) above provided they produce evidence that they would qualify for such a Licence by 15th October 2005. If selected such candidates must obtain the said Licence before appointment.

10.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

10.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

11. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

12.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

12.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

12.3. Avviż dwar il-hruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq:

http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

12.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

13. L-applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għall-eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

14. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http√www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

15. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali, Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, mhux aktar tard minn-nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, it-12 ta' Awissu, 2005.

16. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

17. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-21 ta' Lulju, 2005

12.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

12.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

12.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at:

http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

12.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

13. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

14. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http√www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

15. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General, Health Division, 15, Merchants Street, Valletta, by not later than noon of Friday, 12th August 2005.

16. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356-21242884.

17. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven (7) days.

21st July, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' Uffiċjal Mediku *(Health Information)* fil-Qasam Amministrattiv fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand uffiċjali mediċi bi kwalifiki adatti għall-post ta' Uffiċjal Mediku *(Health Information)* fil-Qasam Amministrattiv fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1. Is-salarju ta' Uffiċjal Mediku ikun ta' Lm6,211 fis-sena li jiżdied b'Lm209 fis-sena sa massimu ta' Lm7,465 (Skala Nru. 8).

2.2. Uffiċjali Mediċi li jagħmlu tmien snin ta' prattika medika wara sentejn ta' *housemanship* jitqiegħdu fi Skala ta' Salarju 7 (Lm6,611 x 228 – Lm7,979) soġġett għal servizz sodisfaċenti. Il-perjodu ta' tmien snin jitnaqqas għal ħames snon fil-każ ta' tobba li jiksbu kwalfika ta' wara l-gradwazzjoni.

2.3. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) sigħa fil-ġimgħa u x-xogħol fil-Ħdud u l-Btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regoli li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.1. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun soġġetta għal kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Persuna fil-grad ta' Uffiċjal Mediku *(Health Information)* tkun tagħmel parti mid-Dipartiment tal-*Health Information* u tkun taqa' fl-aħħarnett taħt id-Direttur tal-*Health Information*. Hi tkun trid taħdem taħt is-superviżjoni tal-persuna fil-grad ta' Uffiċjal Mediku Ewlieni u tkun trid tirrappreżentaha fl-assenza tagħha. Id-dmirijiet tagħha jiġu riveduti minn żmien għal żmien mid-Direttur tal-*Health Information* kif jinħtieġ.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Medical Officer (Health Information) in the Administrative Stream in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from duly qualified medical practitioners for the post of Medical Officer (Health Information) in the Administrative Stream in the Health Division.

2.1. The salary for the post of Medical Officer is Lm6,211 per annum rising by annual increments of Lm209 up to a maximum of Lm7,465 (Scale 8).

2.2. Medical Officers who complete eight years medical practice after the two years of housemanship shall be placed in Salary Scale 7 (Lm6,611 x 228 – Lm7,979) subject to satisfactory performance, provided that the qualifying period of eight years will be reduced to five years in the case of doctors who obtain an approved post-graduate qualification.

2.3. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) hours per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.1. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that :-

a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. The Medical Officer (Health Information) will form part of the Department of Health Information and will be ultimately responsible to the Director (Health Information). He/She will work under the supervision of a Principal Medical Officer and will be expected to represent him/her in his/her absence. His/her duties will be subject to review by the Director (Health Information) as necessary from time to time.

5.2. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' Uffiċjal Mediku *(Health Information)* jinkludu:

(i) ħolqien, ipproċessar u tqassim ta' informazzjoni eżatta, f'waqtha u relevanti li tgħin fl-għoti tal-kura tas-saħħa u fit-tmexxija tas-servizzi tas-saħħa tal-Gvern;

(ii) interpretazzjoni b'mod ta' statistika ta' *data* epidemjoloġika;

(iii) kumpilazzjoni ta' rapporti fuq l-istat ta' saħħa tal-popolazzjoni u fuq l-istruttura, proċessi u l-eżitu tas-servizzi tas-saħħa fil-Gżejjer Maltin, bl-użu ta' tagħrif disponibbli;

(iv) għajnuna fit-tfassil u tmexxija ta' sondaġġi fuq is-saħħa;

(v) għajnuna fil-manniġġar u titjib fis-sistemi informatiċi eżistenti fid-Diviżjoni tas-Saħħa;

(vi) maniġġar, żvilupp, motivazzjoni u responsabbiltà għas-sorveljanza ta' l-impjegati taħt l-inkarigu tagħha;

(vii) assistenza fit-tfassil ta' *policies*, pjanijiet u proċeduri fid-Dipartiment tal-*Health Information;*

(viii) assistenza fil-maniġġar ta' riżorsi umani, tekniċi u finanzjarji fid-Dipartiment tal-*Health Information*;

(ix) promozzjoni ta' proċessi mtejba għall-ġbir ta' *data* fuq is-saħħa u n-notifika tagħhom lill-awtoritajiet tas-saħħa minn professjonisti fil-qasam tas-saħħa kemm fis-settur pubbliku kif ukoll fis-settur privat;

(x) *liaison* ma' organizzazzjonijiet rilevanti nazzjonali u internazzjonali;

(xi) żamma ta' livell għoli ta' kompetenza fl-użu tat-teknoloġija ta' l-informatika.

6. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikulta l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jigi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' L-UE);

5.2. The duties of a Medical Officer (Health Information) include:

(i) creation, processing and dissemination of accurate, timely and relevant information that supports the delivery of health care and the management of the Government health services;

(ii) statistical interpretation of epidemiological data;

(iii) compilation of reports on the health status of the population and on the structure, procedures and outcome of health services in Malta, using available data;

(iv) assistance in the design and conduct of health surveys;

(v) assistance in the management and improvement of existing information systems in the Health Division;

(vi) management, motivation and responsibility for the supervision of staff under hisċher charge;

(vii) assistance in the formulations of policies, plans and procedures in the Department of Health Information;

(viii) assistance in the management of human, technical and financial resources available to the Department of Health Information;

(ix) promotion of improved processes for the collection of health data and their notification to the health authorities by health professionals both in the public and in the private health care sector;

(x) liaison with relevant national and international organisations;

(xi) maintenance of a high level of information technology literacy.

6. Applicants must:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

JEW

(iv) il-konjugi ta', u tfal taħt il-21 sena ta' jew li jiddependu fuq, dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq u li huma residenti f'Malta.

L-eliġibbiltà tal-kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija suġġetta għall-kundizzjoni li jiksbu *work permit*.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom Liċenza biex jipprattikaw il-professjoni medika f'Malta;

d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47),* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz iridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorita' kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

6.1 Tingħata konsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li jkollhom evidenza ta' *Continued Medical Education* u ta' Riċerka.

7. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll minn kandidati li ma jkollhomx il-Liċenza msemmija f'paragrafu 6(ċ) hawn fuq bil-kundizzjoni li juru evidenza li se jikkwalifikaw għall-imsemmija Liċenza sal-15 ta' Ottubru 2005. Jekk jintgħażlu dawn il-kandidati jridu jakkwistaw l-imsemmija Liċenza qabel ma jingħataw il-ħatra.

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbilita' għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minnaħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tigi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom

OR

(iv) the spouse of, and children under 21 years of age of or who depend on, any person who is mentioned at (i), (ii) and (iii) above and who resides in Malta.

The eligibility of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above is subject to their obtaining a work permit.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English Languages;

(c) be in possession of a Licence to practise the Medical Profession in Malta;

(d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service giving details).

6.1. Due consideration will be given to applicants who possess evidence of Continued Medical Education and Research.

7. Applications will also be considered from candidates who are not in possession of the Licence mentioned in paragraph 6(c) above provided they produce evidence that they would qualify for such a Licence by the 15th October 2005. If selected, such candidates must obtain the said Licence before appointment.

8.1. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2. Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Health Division and copied to the NCPD.

9. Qualifications and experience claimed must be supported

jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu ma' l-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

10.1. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat ta' l-intervisti. Ir-riżultat jiġi esebit fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Diviżjoni tas-Saħħa.

10.3. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq:

http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

10.4. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. Applikanti magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

14. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

jew jinkisbu mid-Diviżjoni tas-Saħħa, Taqsima ta' l-Impjegati, 6, Sqaq Harper, Floriana.

13. L-applikazzjonijiet jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Awissu, 2005.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Diviżjoni mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Diviżjoni riċeventi hu +356-21242884.

17. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Diviżjoni. Applikazzjonijiet li jintbagħtu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Diviżjoni tas-Saħħa tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-21 ta' Lulju, 2005

by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2. The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Health Division.

10.3. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at:

http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

10.4. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

11. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.health.gov.mt/forms/forms.htm#employment

or obtained from the Health Division, Personnel Section, 6, Harper Lane, Floriana.

13. The prescribed application forms will be received in the first instance by the Director General at the Health, Division, 15, Merchants Street, Valletta, by not later than noon of Friday, 12th August, 2005.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Division by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Division is +356-21242884.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Division and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above dead line. The applications will be acknowledged in writing by the Division within seven (7) days.

21st July, 2005

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Postijiet ta' Uffiċjal Mediku (*Public Health Medicine)* fil-Qasam Amministrattiv fid-Diviżjoni tas-Saħħa fil-Ministeru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *medical practitioners* bi kwalifiki adatti għall-postijiet ta' Uffiċjal Mediku (*Public Health Medicine)* fil-Qasam Amministrattiv fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

2.1. Is-salarju ta' Uffiċjal Mediku jkun ta' Lm6,211 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' Lm209 sa massimu ta' Lm7,465 (Skala ta' Salarju Nru. 8).

2.2. Uffiċjali Mediċi li jagħmlu tmien snin ta' prattika medika wara s-sentejn ta' *Housemanship* jitqiegħdu fi Skala ta' Salarju Nru. 7 (Lm6,611 x 228 - Lm7,979) soġġett għal servizz sodisfaċenti. Il-perjodu ta' tmien snin jitnaqqas għal ħames snin fil-każ ta' tobba li jiksbu kwalifika ta' wara l-gradwazzjoni approvata.

2.3. Sigħat ta' xogħol 'il fuq minn erbgħin (40) sigħa fil-ġimgħa u x-xogħol fil-Ħdud u l-Btajjel pubbliċi jitħallsu b'remunerazzjoni addizzjonali skond ir-rati approvati.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regoli li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-Diviżjoni tas-Saħħa. Il-persuna nominata tista' tiġi trasferita skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.1. Il-persuna nominata tkun intitolata għall-benefiċċji l-oħra u tkun soġġetta għal kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4. Il-persuna nominata titħalla teżerċita l-professjoni tagħha privatament kemm-il darba:

a) dan isir strettament barra mill-ħinijiet uffiċjali tax-xogħol tagħha; u

b) dan ma jfixkilx jew ma jmurx kontra d-dmirijiet uffiċjali tagħha jew l-esiġenzi tas-servizz.

5.1. Persuna fil-grad ta' Uffiċjal Mediku (*Public Health Medicine)* fil-Qasam Amministrattiv tkun meħtieġa li taħdem mingħajr superviżjoni fil- qasam tax-xogħol tagħha. Tkun trid tikkonsulta ruħha mal-Konsulent fil-Qasam Amministrattiv fuq ħwejjeġ ta' *policy* u fuq il-proċeduri stabbiliti li għandhom jittieħdu.

5.2. Id-dmirijiet ta' persuna fil-grad ta' Uffiċjal Mediku *(Public Health Medicine)* fil-Qasam Amministrattiv jinkludu:–

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Posts of Medical Officer (Public Health Medicine) in the Administrative Stream in the Health Division within the Ministry of Health, the Elderly and Community Care

The Public Service Commission invites applications from duly qualified medical practitioners for the posts of Medical Officer (Public Health Medicine) in the Administrative Stream in the Health Division.

2.1. The salary for the post of Medical Officer is Lm6,211 per annum rising by annual increments of Lm209 up to a maximum of Lm7,465 (Salary Scale 8).

2.2. Medical Officers who complete eight years medical practice after the two years of housemanship shall be placed in Salary Scale 7 (Lm6,611 x 228 - Lm7,979) subject to satisfactory performance, provided that the qualifying period of eight years will be reduced to five years in the case of doctors who obtain an approved post-graduate qualification.

2.3. Additional remuneration will be paid at the approved rates for hours worked in excess of forty (40) per week and for work performed on Sundays and Public Holidays.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year is on a full time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the Health Division. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.1. The appointee will be entitled to such other benefits and subject to such other conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4. The appointee will be allowed to undertake private practice of his/her profession provided that:-

a) it is carried out strictly outside his/her official hours of work; and

b) it does not interfere or conflict with his/her official duties or with the exigencies of the service.

5.1. A Medical Officer (Public Health Medicine) in the Administrative Stream will be required to operate without supervision in the field. He/She would have to consult with the Consultant (in the Administrative Stream) on matters of policy and on established procedures to be followed.

5.2. The duties of a Medical Officer (Public Health Medicine) in the Administrative Stream include:-

(a) xogħol għall-prevenzjoni u kontroll tal-*communicable and Priority Non-communicable Diseases*, inkluż mard notifikat li jittieħed u investigazzjoni ta' skoppjar ta' mard;

(b) stħarriġ kontinwu (taħt superviżjoni) ta' studji u riċerki epidemjoloġiċi;

(ċ) stħarriġ kontinwu ta' xi *Acute Episodes of Disease*;

(d) tħejjija ta' rapporti u rakkomandazzjonijiet biex tgħin lill-*policy makers* jieħdu deċiżjonijiet dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mas-Saħħa Pubblika;

(e) għajnuna lis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika fl-istħarriġ ta' rapporti dwar ksur tal-liġijiet u regolamenti li għandhom x'jaqsmu mas-Saħħa Pubblika;

(f) ħolqien, ipproċessar u tqassim ta' informazzjoni eżatta, f'waqtha u relevanti li tgħin fl-għoti tal-kura tas-saħħa u fit-tmexxija tas-Servizzi tas-Saħħa tal-Gvern;

(g) interpretazzjoni b'mod ta' statistika ta' *data* epidemjoloġika;

(h) kumpilazzjoni ta' rapporti fuq l-istat ta' saħħa tal-popolazzjoni u fuq l-istruttura, proċessi u l-eżitu tas-servizzi tas-saħħa fil-Gżejjer Maltin, bl-użu ta' tagħrif disponibbli;

(i) għajnuna fit-tfassil u tmexxija ta' sondaġġi fuq is-saħħa;

(j) sorveljanza ta' *staff* iżgħar minnha fis-sezzjoni.

(k) tuża sistemi tat-Teknologija ta' l-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Diviżjoni tas-Saħħa.

6. Il-persuni nominati jistgħu jkunu meħtieġa jaħdmu fid-dipartimenti diversi fi ħdan id-Diviżjoni tas-Saħħa.

7. L-applikanti għandhom:

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) cittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jigi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' l-UE);

(a) field work to prevent and control Communicable and priority Non Communicable Diseases, including notified infectious disease and outbreaks investigation;

(b) investigation and follow-up (under supervision) of Epidemiological studies and research;

(c) investigation and follow-up of any Acute Episodes of Disease;

